KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

**MINUTI**

**Laqgħa urġenti tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 341**

**Il-Ħamis, 22 ta' Ġunju 2017**

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' b'urġenza fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, Is-Siġġiewi, fis-seba' ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

L-Avukat Karol Aquilina – Sindku
Dr Alessia Psaila Zammit – Viċi Sindku
Is-Sur Julian Borg – Kunsillier
Is-Sin. Gillian Farrugia Pace – Kunsilliera
Is-Sur Nicholas Cassar – Kunsillier
Is-Sur Domenic Grech – Kunsillier
Is-Sur Clayton Cutajar – Kunsillier

**ASSENTI B'APPOLOĠIJA:**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Keith Galea– Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Dr Karol Aquilina ppresjeda l-laqgħa.

**341.1** Messaġġ mis-Sindku

341.1.1 L-avukat Karol Aquilina ħabbar li peress li fl-elezzjonijiet każwali li saru l-Erbgħa 21 ta' Ġunju hu ġie ddikjarat elett membru fil-kamra tar-rappreżentanti, qiegħed għalhekk jirriżenja minn Sindku u minn Kunsillier tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi.

Hu għaddha ittra ta' riżenja lis-segretarju liema ittra taqra hekk: "L-elezzjoni tiegħi bħala Membru tal-Kamra tar-Rappreżentanza ġġib magħha t-tmiem ta' tlettax-il sena ħidma tiegħi bħala Kunsillier u l-aħħar ħames snin bħala Sindku ta' raħal twelidi: Is-Siġġiewi. Matul dawn is-snin kelli l-privileġġ li nkun ta' servizz għas-Siġġiewi u għas-Siġġiwin. Jiena kburi b'dan kollu u ser nibqa' nġorru miegħi b'għożża u bħala motivazzjoni għall-ħidma ġdida tiegħi fl-ogħla istituzzjoni ta' pajjiżna.

Għaldaqstant qiegħed permezz ta' din l-ittra b'effett immedjat nirriżenja minn Sindku tas-Siġġiewi u minn Kunsillier fil-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi. Ġentilment nitolbok tinforma lill-Kummissjoni Elettorali u lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali b'din ir-riżenja tiegħi.

Nawgura lilek u lil sħabi l-kunsilliera aktar ħidma b'risq is-Siġġiewi u s-Siġġiwin."

Is-Segretarju ittimbra u ffirma l-ittra tar-riżenja.

341.2 Ħatra ta' Sindku u Viċi-Sindku.

341.2.1 Kif titlob il-liġi il-Viċi Sindku Dr Alessia Psaila Zammit ġiet dikjarata Sindku. Hi aċċettat il-kariga u ffirmat l-ittra tal-aċċettazzjoni. Il-Kunsillier Julian Borg ġie dikjarat Viċi Sindku, hu aċċetta l-kariga u ffirma l-ittra ta' aċċettazzjoni.

Fl-ewwel messaġġ tagħha, Dr Psaila Zammit qalet li tilqa' b'responsabbilità r-rwol il-ġdid tagħha u tħares 'l quddiem biex tkompli tibni fuq s-suċċess tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi. Hi qalet ukoll li temmen f'politika lokali li tkun viċin in-nies filwaqt li tenniet li l-interessi tas-Siġġiewi u s-Siġġiwin se jkunu fiċ-ċentru tal-ħidma tagħha. Alessia Psaila Zammit rringrazzjat lis-Sindku preċedenti tas-Siġġiewi Karol Aquilina tal-mod professjonali li bih dejjem mexxa il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi.

Konfermati, illum 12 ta' Lulju 2017.

Dr Alessia Psaila Zammit
Sindku

Keith Galea
Segretarju Eżekuttiv